

Brussell, 20 ta' Marzu 2026  
(OR. en)

7374/26

CDR 38

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni - Adozzjoni

---

1. Permezz ta' ittra tal-5 ta' Diċembru 2025<sup>1</sup>, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bi tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu s-Sur Carlos MAZÓN GUIXOT, membru tal-Kumitat tar-Reġjuni, ġie propost għall-ħatra u maħtur.
2. Permezz ta' ittra tal-15 ta' Jannar 2026<sup>2</sup>, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bi tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu s-Sur Pablo Gustavo BROSETA DUPRÉ, membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni, ġie propost għall-ħatra u maħtur.
3. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi, jaħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

---

<sup>1</sup> 16669/25.

<sup>2</sup> 5441/26.

4. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sur Carlos MAZÓN GUIXOT, il-Gvern Spanjol ippropona lis-<sup>3</sup> Sur Juan Francisco PÉREZ LLORCA, rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettoral ta' awtorità reġjonali, *President de la Generalitat Valenciana* (President tal-Gvern Reġjonali ta' Valenzja), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030.
5. Barra minn hekk u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sur Pablo Gustavo BROSETA DUPRÉ, il-Gvern Spanjol ippropona<sup>3</sup> lis-Sa Ruth María MERINO PEÑA, rappreżentanta ta' korp reġjonali li hija politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *Secretaria Autonómica de Representación ante la Unión Europea y las Comunidades Autónomas, Generalitat Valenciana* (Viċi Ministru Reġjonali għar-Rappreżentanza għall-Unjoni Ewropea u r-Reġjuni Awtonomi Spanjoli, Gvern tar-Reġjun ta' Valenzja), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030.
6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni, kif jinsab fid-dokument 7377/26, u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

---

---

<sup>3</sup> 7037/26.